KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
EMILIOU
ippreżentati fit-12 ta' Jannar 2023[1]

**Kawża C-747/21 P**

**PAO Severstal**
**vs**
**Il-Kummissjoni Ewropea**
**u**
**Kawża C-748/21 P**
**Novolipetsk Steel PAO**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

(Appell – Dumping – Importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw miċ-Ċina u mir-Russja – Dazju antidumping definittiv – Regolament (KE) Nru 1225/2009 – Regolament (UE) 2016/1036 – Artikolu 9(4) – Eliminazzjoni tad-dannu – Regola tad-dazju inferjuri – Marġni tal-prezz taħt il-bejgħ – Perijodu rilevanti għall-kalkolu tal-profitt fil-mira – Marġni ta' diskrezzjoni – Natura ta' dazji antidumping)

## I. Introduzzjoni

1. Fl-appelli tagħhom, PAO Severstal u Novolipetsk Steel PJSC (NLMK)[2], żewġ kumpanniji inkorporati skont id-dritt Russu u attivi fis-suq tal-manifattura u tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-azzar, b'mod partikolari prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tannulla s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali[3] li permezz tagħhom hija ċaħdet ir-rikorsi tagħhom għal annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1328 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat")[4].

2. L-appellanti jinvokaw tliet aggravji għall-appell (virtwalment identiċi). Madankollu, skont it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiena ser nillimita l-analiżi tiegħi f'dawn il-konklużjonijiet għat-tieni aggravju li jikkonċerna, essenzjalment, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-"regola

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Iktar 'il quddiem, l-"appellanti".

3 Sentenzi tat-22 ta' Settembru 2021, Severstal vs Il-Kummissjoni (T-753/16, EU:T:2021:612), u tat-22 ta' Settembru 2021, NLMK vs Il-Kummissjoni (T-752/16, EU:T:2021:611) rispettivament iktar 'il quddiem, is-"sentenzi appellati".

4 ĠU 2016, L 210, p. 1.

tad-dazju inferjuri" stabbilita fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [5], li, essenzjalment tħassar u ġie ssostitwit permezz tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [6].

3. Għalkemm il-kwistjonijiet legali prinċipali mqajma permezz ta' dawn l-appelli f'dan ir-rigward huma pjuttost tekniċi, sabiex jiġu indirizzati ċerti argumenti mressqa mill-appellanti, huwa neċessarju li wieħed imur lura għal xi mistoqsijiet "eżistenzjali" li jikkonċernaw il-leġiżlazzjoni tal-antidumping tal-Unjoni: x'inhuma n-natura u l-finijiet tad-dazji antidumping?

## II. Il-kuntest ġuridiku

4. L-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 1225/2009, li jikkonċerna l-impożizzjoni ta' dazji definittivi, fis-seħħ matul l-investigazzjoni kien jipprovdi:

"Fejn il-fatti kif finalment stabbiliti juru li hemm dumping u dannu kkawżat minnu, u fl-interess tal-Unjoni hemm lok għal intervent […] għandu jiġi impost dazju anti-dumping definittiv mill-Kummissjoni […]

L-ammont tad-dazju anti-dumping ma għandux ikun ogħla mill-marġni tad-dumping stabbilit iżda għandu jkun inqas mill-marġni jekk tali dazju inqas ikun adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni."

5. L-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036, fis-seħħ meta ġie adottat ir-Regolament ikkontestat, kien ifformulat bi kliem identiku fil-parti rilevanti tiegħu.

## III. Sfond fattwali

6. Sussegwenti għal ilment, fl-14 ta' Mejju 2015 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Avviż ta' ftuħ tal-proċedura antidumping li tikkonċerna importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa [7], skont ir-Regolament Nru 1225/2009. L-investigazzjoni ta' dumping u dannu kopriet il-perijodu mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Marzu 2015 (iktar 'il quddiem il-"perijodu tal-investigazzjoni"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-kalkolu tad-dannu kien ikopri il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Marzu 2015 (iktar 'il quddiem il-"perijodu kkunsidrat").

7. Fl-10 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni adottat Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/181 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa [8].

[5] ĠU 2009, L 343, p. 51, rettifiki fil-ĠU 2010, L 7, p. 22, ĠU 2011, L 293, p. 39, u ĠU 2016, L 44, p. 20.

[6] ĠU 2016 L 176, p. 21.

[7] ĠU 2015, C 161, p. 9.

[8] ĠU 2016, L 37, p. 1.

8. Sussegwentement, fid-29 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ikkontestat. Ir-rata tad-dazju antidumping definittiv imposta fuq Severstal ammontat għal 34% u fuq NLMK għal 36.1%.

## IV. Is-sentenzi appellati

9. Fit-28 ta' Ottubru 2016, kemm Severstal kif ukoll NLMK ippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali għal annullament tar-Regolament ikkontestat. Fir-rikorsi rispettivi tagħhom, Severstal invokat sitt motivi u NLMK invokat ħames motivi.

10. Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Qorti Ġenerali tat żewġ sentenzi li qegħdin jiġu appellati li bihom ċaħdet ir-rikorsi tal-appellanti, u ordnatilhom sabiex iħallsu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u dawk tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ordnat ukoll lil Eurofer, European Steel Association, ASBL – li intervjeniet fil-proċeduri insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni – sabiex tħallas l-ispejjeż tagħha.

## V. Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11. Fl-appell tagħha ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-747/21 P, ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2021, Severstal titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza fil-Kawża T-753/16;

– tagħti sentenza finali dwar it-tilwima, fejn din tkun fi stat li tiġi deċiża;

– b'mod sussidjarju, tirreferi l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ proċeduri.

12. Fir-risposta tagħha, tat-23 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad l-appell u tikkundanna lil Severstal għall-ispejjeż.

13. Fl-appell tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-748/21 P, ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2021, NLMK titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza fil-Kawża T-752/16;

– tagħti sentenza finali dwar it-tilwima, fejn din tkun fi stat li tiġi deċiża;

– b'mod sussidjarju, tirreferi l-kawża lill-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ proċeduri.

14. Fir-risposta tagħha, tat-23 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċħad l-appell u tikkundanna lil NLMK għall-ispejjeż.

15. Permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ottubru 2022, iż-żewġ kawżi ngħaqdu għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza.

16. Permezz ta' ittra tal-24 ta' Ottubru 2022, bħala miżura ta' organizzazzjoni ta' proċedura adottata skont l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-partijiet intalbu sabiex iwieġbu għal ċerti mistoqsijiet, li huma wieġbu permezz ta' ittri tal-24 ta' Novembru 2022 (il-Kummissjoni) u l-1 ta' Diċembru 2022 (l-appellanti).

## VI. Evalwazzjoni tat-tieni aggravju

17. Kif indikat fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, l-analiżi tiegħi ser tkun limitata għat-tieni aggravju tal-appellanti.

18. Permezz ta' dan l-aggravju, l-appellanti jikkontestaw, rispettivament, il-punti 243-257 (Severstal) u l-punti 209-223 (NLMK) tas-sentenzi appellati. F'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondati l-ewwel parti tas-sitt motiv ta' Severstal, u l-ewwel parti tal-ħames motiv ta' NLMK. Permezz ta' dawn il-motivi, l-appellanti kienu ddikjaraw li, fir-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' dritt u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni fil-kalkolu tal-marġni tad-dannu skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 1225/2009 (issa l-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036) [9].

### *A. L-argumenti tal-partijiet*

19. Fl-appelli tagħhom, l-appellanti jsostnu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali żbaljat fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036, u fl-eżami tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mill-Kummissjoni. Huma jsostnu wkoll li s-sentenzi appellati ma fihomx motivazzjonijiet suffiċjenti fir-rigward tal-argumenti tagħhom dwar dawn il-punti.

20. B'mod partikolari, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li laqgħet l-għażla tal-Kummissjoni ta' 9.9 % ta' profitt fil-mira għall-industrija tal-Unjoni meta kkalkulat il-"marġni tal-prezz taħt il-bejgħ" għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036. L-appellanti jenfasizzaw li, filwaqt li l-perijodu ta' investigazzjoni jestendi mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni marret diversi snin lura, sal-2008, sabiex tidentifika l-iktar "sena rappreżentattiva" reċenti sabiex tiddetermina l-profitt fil-mira. Fil-fehma tal-appellanti, il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni ma hijiex marbuta mil-limitazzjoni *ratione temporis* tal-perijodu kkunsidrat (*in casu*, mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Marzu 2015) fl-għażla tal-iktar sena rappreżentattiva reċenti tmur kontra l-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi.

21. Barra minn hekk, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali żbaljat b'mod manifest meta qablet mal-approċċ tal-Kummissjoni. L-appellanti jikkunsidraw li l-perijodu identifikat mill-Kummissjoni ma huwiex rappreżentattiv b'mod adegwat, minħabba li huwa wisq 'il bogħod fiż-żmien. Huma jsostnu wkoll li ntgħażel b'mod arbitrarju għaliex perijodi iktar reċenti kienu rappreżentattivi biżżejjed. Barra minn hekk, l-appellanti jissottomettu li, fl-ewwel istanza, huma kienu ressqu argumenti li jistabbilixxu l-eżistenza ta' kontradizzjoni fir-Regolament ikkontestat: is-snin tal-kriżi finanzjarja ttieħdu inkunsiderazzjoni fl-aċċertament tal-eżistenza ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni, iżda mhux għall-istabbiliment tal-profitt fil-mira għall-industrija. Dan l-approċċ tal-Kummissjoni fejn "taqbad u tagħżel li jaqbel lilha" ma jistax, fil-fehma

[9] Peress li, kif indikat fil-punt 5 iktar il 'fuq, iż-żewġ dispożizzjonijiet huma, fil-parti rilevanti tagħhom, identiċi. F'dawn il-konklużjonijiet, għall-raġunijiet ta' konvenjenza, ser nirreferi biss għall-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036.

tal-appellanti, ikun ikkunsidrat aċċettabbli skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2016/1036, u l-Qorti Ġenerali naqset milli tispjega b'mod adegwat ir-raġunijiet għalfejn hija ċaħdet l-argumenti tagħhom f'dan ir-rigward.

22. Fl-aħħar nett, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa b'mod tajjeb l-element ta' "dannu", *inter alia* għaliex hija ma indirizzatx l-argument tagħhom li abbażi tiegħu t-tnaqqis fl-ispejjeż ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni (li kien invokat mill-Kummissjoni sabiex tevalwa d-dannu mġarrab) għandu, fost fatturi oħrajn, ikun assoċjat mas-sitwazzjoni li rriżultat mill-kriżi finanzjarja globali tal-2012.

23. Il-Kummissjoni tiddefendi s-sentenzi appellati. Fil-fehma tagħha, il-Qorti Ġenerali tittratta b'mod adegwat l-argumenti mressqa mill-appellanti, billi tispjega għalfejn il-Kummissjoni ma għamlet l-ebda żball meta għażlet l-2008 bħala l-iktar sena rappreżentattiva sabiex tikkalkula l-profitt fil-mira. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tenfasizza l-marġni ta' diskrezzjoni li tgawdi minnu skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036, u li l-metodu magħżul fir-Regolament ikkontestat għall-identifikazzjoni tal-profitt fil-mira huwa konsistenti mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ġenerali [10].

24. Il-Kummissjoni żżid li l-argument li jikkonċerna ksur allegat tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi huwa kemm inammissibbli (peress li ma tressaqx fl-ewwel istanza) kif ukoll infondat (l-appellanti qatt ma rċevew xi konferma dwar il-mod kif il-Kummissjoni kienet ser twettaq l-evalwazzjoni tagħha). Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li wħud mill-argumenti mressqa mill-appellanti fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħhom huma ineffettivi minħabba li huma jqajmu dubji dwar l-evalwazzjoni tagħha tar-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet suġġetti għad-dumping u d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tistqarr li l-appellanti ma kkontestawx il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-eżistenza tar-rabta kawżali [11].

## *B. Analiżi*

25. L-appellanti ppreżentaw tliet linji ta' argumenti differenti fil-kuntest tat-tieni aggravju tagħhom.

26. Għar-raġunijiet spjegati iktar 'l isfel, jiena ma nqisx dawn l-argumenti konvinċenti.

### *1. Aspettattivi leġittimi*

27. L-ewwel, it-talba ta' allegat ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi hija, kif il-Kummissjoni korrettement tiddikjara inammissibbli minħabba li ma tressqitx quddiem il-Qorti Ġenerali, u għalhekk ma tistax titressaq għall-ewwel darba fl-appell [12].

[10] Il-Kummissjoni tirreferi għal punt 60 tas-sentenza tat-28 ta' Ottubru 1999, EFMA vs Il-Kunsill (T-210/95, EU:T:1999:273). Iktar 'il quddiem, is-"sentenza EFMA".

[11] L-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fir-Regolament ikkontestat fir-rigward tar-rabta kawżali kienet is-suġġett tal-ħames motiv ta' Severstal, ittrattat mill-Qorti Ġenerali fil-punti 200 sa 241 tas-sentenza fil-kawża T-753/16, u tar-raba' motiv ta' NLMK, ittrattat fil-punti 166 sa 207 tas-sentenza fil-Kawża T-752/16.

[12] Ara, għal dan il-għan, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, Industrie des poudres sphériques vs Il-Kunsill (C-458/98 P, EU:C:2000:531, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28. Fi kwalunkwe każ, l-appellanti ma jispjegawx il-mod u ċ-ċirkustanzi li permezz tagħhom il-Kummissjoni kienet ipprovditilhom garanziji, iktar u iktar garanziji *preċiżi*, fir-rigward tal-metodu u l-kriterji li abbaži tagħhom hija kienet ser tistabblixxi l-profitt fil-mira. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt li wieħed jinvoka l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jestendi biss għal persuna li fir-rigward tagħha awtorità amministrattiva tkun ħolqot f'din il-persuna aspettattivi li huma ġġustifikati fuq il-bażi ta' garanziji preċiżi inkundizzjonati u konkordanti u li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli [13]. Dan l-argument għaldaqstant huwa, fi kwalunkwe każ, infondat.

*2. Effetti tal-kriżi finanzjarja fuq l-industrija tal-Unjoni*

29. It-tieni, jiena naqbel ukoll mal-Kummissjoni li t-talbiet tal-appellanti li jikkonċernaw l-allegat nuqqas, mill-Qorti Ġenerali, sabiex (i) tevalwa b'mod korrett l-effetti tal-kriżi finanzjarja fuq l-istatus tal-industrija tal-Unjoni, u/jew (ii) tagħti spjegazzjoni sodisfaċenti dwar ir-raġunijiet tagħha għalfejn ċaħdet l-argumenti tal-appellanti f'dan ir-rigward, huma ineffettivi.

30. Fil-fatt, sa fejn il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-eżistenza tad-dannu u ta' rabta kawżali ma ġewx ikkontestati fl-appell, it-talbiet tal-appellanti, irrispettivament mill-mertu tagħhom, ma jistgħu qatt iwasslu għall-annullament tas-sentenzi appellati.

*3. Interpretazzjoni tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament Nru 2016/1036*

31. It-tielet, u iktar importanti, il-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda żball ta' liġi, fil-fehma tiegħi, fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036. Il-Qorti Ġenerali lanqas naqset milli tispjega, fis-sentenzi appellati, għalfejn ma qablitx mal-argumenti tal-appellanti f'dan ir-rigward.

32. L-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036 jistabbilixxi, inter alia, ir-"regola tad-dazju inferjuri" (iktar 'il quddiem ir-"RDI"), li skontha "l-ammont tad-dazju anti-dumping ma għandux jaqbeż il-marġni tad-dumping stabbilit iżda għandu jkun inqas mill-marġni jekk tali dazju inqas ikun adegwat biex jiġi eliminat id-dannu lill-industrija tal-Unjoni".

33. Ir-Regolament 2016/1036 ma jipprovdi, madankollu, l-ebda metodu jew sett ta' kriterji sabiex jiġi stabbilit dak li jissejjaħ "marġni tad-dannu". Minn dan isegwi li l-awtoritajiet tal-Unjoni jgawdu minn marġni wiesa' ta' diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Konsegwentement, huma liberi li jagħżlu l-metodoloġija li jsibu li hija l-iktar xierqa skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi, sakemm, b'mod partikolari, tkun raġonevoli, applikata b'mod oġġettiv u konsistenti, u għalhekk twassal għal riżultati plawżibbli.

34. Fil-prattika tagħhom, l-awtoritajiet tal-Unjoni fil-fatt użaw varjetà ta' metodoloġiji għal dan il-għan [14]. F'ċerti każijiet, il-marġni tad-dannu kien iddeterminat billi tqabblu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-importazzjonijiet mal-prezzijiet effettivi tal-industrija tal-Unjoni (il-metodoloġija tat-"twaqqigħ tal-prezz"). F'każijiet oħrajn, madankollu, kien ikkunsidrat li tali paragun ma jagħtix indikazzjonijiet xierqa tal-marġni tad-dannu minħabba li l-importazzjonijiet jeżerċitaw pressjoni sinjifikattiva 'l isfel fuq il-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni [15].

[13] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-31 ta' Marzu 2022, Smetna palata na Republika Bulgaria (C-195/21, EU:C:2022:239, punt 65).

[14] Għal ħarsa qasira, b'iktar referenzi, ara Van Bael & Bellis, *EU Anti-Dumping and Other Trade Defence Instruments*, is-sitt edizzjoni, Wolters Kluwer, 2019, p. 297 sa 303.

[15] *Cf.* Artikolu 3(3) tar-Regolament 2016/1036.

35. F'tali każijiet, il-Kummissjoni użat il-metodoloġija tat-"twaqqigħ tal-prezz": il-marġni tad-dannu jiġi kkalkulat billi jitqabblu l-prezzijiet effettivi tal-importazzjonijiet ma' "prezz indikattiv", li jirrappreżenta l-prezz li l-industrija tal-Unjoni tista' tkun raġonevolment mistennija li toffri fis-suq tal-Unjoni fl-assenza ta' importazzjonijiet suġġetti għad-dumping. Sabiex jiġi stabbilit prezz ipotetiku, "profitt fil-mira", jiġifieri l-marġni benefiċjarju li jista' jkun raġonevolment mistenni fl-assenza tal-importazzjonijiet suġġetti għad-dumping, jiżdied mal-ispejjeż ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

36. B'mod importanti, il-metodoloġija tat-twaqqigħ tal-prezz kienet dik li ġiet effettivament applikata fir-Regolament ikkontestat minħabba li, fil-fehma tal-Kummissjoni, matul il-perijodu kkunsidrat kien hemm volumi sinjifikattivi ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li kellhom effett negattiv fuq il-profitabbiltà tal-industrija tal-Unjoni [16].

37. L-appellanti ma jikkontestawx jekk hijiex xierqa l-metodoloġija fil-kawża inkwistjoni. Fi kwalunkwe każ, jiena għandi nindika li l-użu ta' din il-metodoloġija kien, bħala prinċipju, irrikonoxxut bħala aċċettabbli mill-Qorti tal-Ġustizzja sa min-nofs is-snin tmenin [17].

38. Fil-fatt, l-appellanti jikkontestaw biss il-mod li bih din il-metodoloġija kienet applikata fir-Regolament ikkontestat. B'mod partikolari, huma jsibu problema bil-*perijodu speċifiku* użat mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-profitt fil-mira, u jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli naqset milli tiċċensura l-approċċ tal-Kummissjoni u sabiex tittratta b'mod adegwat l-argumenti tagħhom f'dan ir-rigward.

39. Fil-premessa 155 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ddikjarat li "[i]s-snin mill-2005 sal-2008 dehru li kienu snin rappreżentattivi biex jiġi stabbilit profitt fil-mira, minħabba li la kienu affettwati mill-kriżi ekonomika […] u la kienu karatterizzati minn ċirkostanzi tas-suq eċċezzjonalment favorevoli. Barra minn hekk, il-volum tal-importazzjonijiet […] f'dawk is-snin indikaw li l-kompetizzjoni kienet b'saħħitha".

40. Fil-punti 251 sa 257 (Kawża T-753/16) u punti 217 sa 223 (Kawża T 752/16) tas-sentenzi appellati, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, essenzjalment, li, għall-għażla tal-iktar snin rappreżentattivi reċenti għall-finijiet tal-istabbiliment tal-profitt fil-mira tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma kinitx marbuta mal-limiti *ratione temporis* tal-perijodu kkunsidrat. Il-marġni benefiċjarju li għandu jintuża għall-kalkolu tal-prezz indikattiv għandu jikkorrispondi, il-Qorti Ġenerali ddikjarat, mal-marġni benefiċjarju li l-industrija tal-Unjoni tista' raġonevolment tistenna li tikseb taħt "kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, fl-assenza ta' importazzjonijiet suġġetti għad-dumping" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-qafas tad-diskrezzjoni wiesgħa tagħha, il-Kummissjoni hija għalhekk intitolata, skont il-Qorti Ġenerali, sabiex tikkonkludi li l-iktar sena rappreżentattiva reċenti hija, kif jista' jkun il-każ, 'il barra mill-perijodu kkunsidrat. Il-Qorti Ġenerali sussegwentement kompliet sabiex tispjega għalfejn, fil-fehma tagħha, l-appellanti ma pproduċew l-ebda provi li juru li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta warrbet is-snin ta' wara l-2008 għall-finijiet ta' identifikazzjoni tal-iktar snin rappreżentattivi.

41. L-appellanti jikkritikaw tliet aspetti ta' dawn il-passaġġi. Madankollu, jiena ma nqis l-ebda wieħed minn dawn l-argumenti konvinċenti.

[16] Il-premessa 154 tar-Regolament ikkontestat.

[17] Sentenza tal-5 ta' Ottubru 1988, Silver Seiko *et* vs Il-Kunsill (273/85 u 107/86, EU:C:1988:466, punti 41 u 42).

42. L-ewwel, jiena tal-fehma li l-argumenti tal-appellanti li jallegaw "żball manifest" ta' evalwazzjoni mill-Qorti Ġenerali, fuq il-bażi li l-iktar snin rappreżentattivi identifikati mill-Kummissjoni ma kinux rappreżentattivi b'mod adegwat u/jew magħżula b'mod arbitrarju, huma inammissibbli. Dawn l-argumenti ma jqajmu l-ebda kwistjoni ta' dritt u ma jsirux iktar ammissibbli billi jikklassifikaw l-iżbalji allegati bħala "manifesti".

43. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li evalwazzjoni ta' fatti allegatament żbaljati mill-Qorti Ġenerali ma humiex, bħala prinċipju, kwistjonijiet li jistgħu jitressqu fl-appell b'mod validu, sakemm fejn il-partijiet ma jinvokawx żnaturament tal-provi [18]. Dan ma huwiex il-każ f'dawn l-appelli.

44. It-tieni, jiena tal-fehma li s-sentenzi appellati fihom motivazzjoni suffiċjenti għalfejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti tal-appellanti dwar interpretazzjoni jew applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament 2016/1036. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni li fuqha hija bbażata sentenza għandha tindika b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-Qorti Ġenerali, b'tali mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati li jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tad-deċiżjoni meħuda u lill-Qorti tal-Ġustizzja li teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha [19].

45. Huwa ċar li l-punti 251 sa 257 (Kawża T-753/16) u punti 217 sa 223 (Kawża T-752/16) tas-sentenzi appellati, jispjegaw fil-qosor, iżda b'mod xieraq, il-motivazzjoni għalfejn il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-kritika tal-appellanti dwar id-determinazzjoni mill-Kummissjoni tal-iktar snin rappreżentattivi ma humiex persważivi.

46. It-tielet, nikkunsidra l-kritika tal-appellanti fir-rigward tal-inkonsistenza allegata tar-Regolament ikkontestat, li l-Qorti Ġenerali naqset milli tiċċensura, bħala infondata. Il-motivazzjoni tiegħi għall-adozzjoni ta' din il-fehma teħtieġ iktar kjarifika.

*a) Interpretazzjoni u applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri*

47. Mill-bidu, għandi niddikjara li r-RDI, li l-Kummissjoni użat f'dawn il-kawżi, minbarra li hija ġġustifikata permezz ta' kunsiderazzjonijiet ta' ekwità fil-kummerċ u proporzjonalità, titqies minn ħafna bħala l-konsegwenza loġika tal-fatt li dazji antidumping jistgħu, kemm skont ir-regoli tal-Unjoni [20] kif ukoll tal-WTO [21], ikunu imposti biss meta l-prodotti suġġetti għad-dumping ikkawżaw (jew jheddu li jikkawżaw) dannu lill-industrija domestika [22].

[18] Ara, għal dan il-għan, is-sentenza tat-28 ta' April 2022, Yieh United Steel vs Il-Kummissjoni (C-79/20 P, EU:C:2022:305, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[19] Ara, *inter alia*, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2018, SNCF Mobilités vs Il-Kummissjoni (C-127/16 P, EU:C:2018:165, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[20] Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 1(1) tar-Regolament 2016/1036. Ara wkoll l-Artikolu 3, l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 11(1) ta' dan ir-regolament.

[21] Ara l-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994, li skontu dumping "għandu jkun ikkundannat jekk jikkawża jew jhedded li jikkawża dannu materjali lil industrija stabbilita fit-territorju ta' parti kontraenti jew materjalment idewwem l-istabbiliment ta' industrija domestika" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għal raġunijiet ta' kompletezza, għandu jingħad ukoll li, skont l-Artikolu 9.1 tal-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994, ir-RDI hija "mixtieq[a]" iżda mhux mandatorja. Fil-fatt, numru ta' membri tal-WTO (bħall-Istati Uniti) ma japplikawx ir-RDI. Madankollu, diversi membri tal-WTO huma favur li jagħmlu din ir-regola vinkolanti fi ħdan is-sistema tal-WTO. Għall-iktar negozjati reċenti dwar dan il-punt, ara Chun, H.J., Ahn, D., "Evolution and Limitations of the Lesser Duty Rule under the WTO Anti-Dumping Agreement", Journal of World Trade, 2022, p. 985 sa 1012.

[22] Ara, *inter alia* u b'referenzi ulterjuri, Vermulst, E. A., "The Anti-Dumping Systems of Australia, Canada, the EEC and the United States of America: Have Anti-Dumping Laws Become a Problem in International Trade?", *Michigan Journal of International Law*, Vol. 10, it-tielet ħarġa, 1989, p. 773 u 774.

48. Din il-kunsiderazzjoni tagħtini l-opportunità perfetta sabiex nispjega għalfejn il-kritika tal-appellanti tal-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali u, b'konsegwenza, tal-Kummissjoni tar-RDI ma hijiex fondata. Sabiex nagħmel dan, jista' jkun utli, kif indikat fl-introduzzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, li nagħmel pass lura u niffoka fuq ċerti punti fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-antidumping tal-Unjoni.

49. Minn tal-inqas il-bidu tas-seklu dsatax[23], inħliet ħafna linka sabiex wieħed jipprova jikxef il-vera "ruħ" tal-liġijiet tal-antidumping. X'inhi *r-ratio legis* ekonomika ta' dawn il-liġijiet? X'tip ta' aġir kummerċjali għandhom jirregolaw u għalfejn?

50. Dawn bla dubju huma suġġetti affaxxinanti għal diskussjonijiet akkademiċi u politiċi fost avukati tal-kummerċ internazzjonali, ekonomisti u leġiżlaturi. Madankollu, għall-finijiet ta' dawn il-kawżi, għandna nwarrbu il-kunsiderazzjonijiet l-iktar filosofiċi u ekonomiċi "hard-core", u nħarsu lejn il-leġiżlazzjoni tal-antidumping tal-Unjoni minn lenti ta' "pożittiviżmu legali normattiv". Fi kliem iktar sempliċi, għandna niffokaw fuq in-natura u l-iskop tad-dazji antidumping, kif tfasslu fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

51. "Dumping" ma huwa xejn, essenzjalment, ħlief forma ta' diskriminazzjoni fil-prezz[24]. Skont id-dritt tal-Unjoni, din il-prattika ma hija la, tal-inqas f'termini assoluti, ipprojbita u lanqas, b'mod iktar ġenerali, ikkkunsidrata illegali. Hija madankollu meqjusa inġusta meta tikkawża (jew thedded li tikkawża) dannu lill-industrija domestika. Meta jsir dan, l-Unjoni *tista*', jekk tqis xieraq, tirreaġixxi billi tadotta miżuri intiżi li jiġġieldu dawn l-effetti negattivi.

52. Għalhekk, skont is-sistema tal-Unjoni, dazji antidumping ma humiex sanzjonijiet intiżi li jikkastigaw lill-impriżi responsabbli għall-aġir passat tagħhom[25]. Lanqas ma huma miżuri kumpensatorji intiżi bħala kumpens għad-dannu realment ikkawżat[26]. L-impożizzjoni ta' dazji antidumping hija "miżura ta' difiża u protezzjoni kontra l-kompetizzjoni żleali li tirriżulta minn prattiki ta' dumping"[27], intiża "sabiex iwaqqfu jew irendu mhux ekonomikament vijabbli l-importazzjonijiet suġġetti għal dumping"[28]. Dazji antidumping huma, għalhekk, sempliċement *miżuri li jikkonċernaw il-kummerċ* (jiġifieri, miżuri mfassla li jirregolaw l-importazzjoni ta' ċerta merkanzija) bi skop *li jħares 'il quddiem*: li jiġi kkorreġut żbilanċ fis-suq domestiku[29].

53. Jekk dan huwa minnu, bla ebda mod ma huwa irraġonevoli, għall-kuntrarju ta' dak li ġie argumentat mill-appellanti, li, f'ċerti ċirkustanzi, il-perijodu kkonċernat u l-iktar snin rappreżentattivi jistgħu ma jikkoinċidux. Fil-fatt, dawn il-kunċetti jaqdu funzjoni differenti u l-istabbiliment tagħhom għalhekk jeħtieġ li l-Kummissjoni tħares lejn parametri differenti.

[23] Ara, b'mod partikolari, l-istudju influwenzali minn J. Viner tal-1926, "Memorandum on Dumping", ikkummissjonat minn dik li kienet il-Lega tan-Nazzjonijiet. Għal diskussjoni wara l-konklużjoni tal-Ftehimiet ta' Marrakesh, ara Hoekman, B. M., Mavroidis, P. C., "Dumping, Antidumping and Antitrust", *Journal of World Trade*, 1996, p. 27 sa 52.

[24] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali VerLoren van Themaat fil-Kawżi magħquda Allied Corporation *et* vs Il-Kummissjoni (239/82 u 275/82, EU:C:1984:1, p. 1038).

[25] Ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, Industrie des poudres sphériques vs Il-Kunsill (C-458/98 P, EU:C:2000:531, punt 91).

[26] Ara, għal dan il-għan, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Cosmas f'Industrie des poudres sphériques vs Il-Kunsill (C-458/98 P, EU:C:2000:138, punt 76).

[27] Ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Profit Europe u Gosselin Forwarding Services (C-362/20, EU:C:2021:612, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[28] Preżentement qiegħed nislef it-termini użati mill-qorti tar-rinviju fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, APEX (C-371/14, EU:C:2015:828, punt 26).

[29] B'mod simili, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Sharpston f'Il-Kunsill vs Gul Ahmed Textile Mills (C-638/11 P, EU:C:2013:277, punt 60.) B'mod iktar ġenerali, dwar din il-kwistjoni fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni, ara Kuplewatzky, N., "Defining Anti-Dumping Duties under European Union Law", Vol. 10, 2018, *Trade, Law and Development*, p. 448 sa 462.

54. Il-"perijodu kkunsidrat" huwa intiż li jidentifika xejriet sinjifikattivi fis-suq domestiku tal-Unjoni, bl-eżami tal-evoluzzjoni tar-riżultati tal-industrija tal-Unjoni, sa fejn konstatazzjoni ta' dannu skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament 2016/1036 normalment timplika deterjorament tas-sitwazzjoni tal-industrija fuq ċertu żmien [30]. Minħabba li fl-assenza ta' xi dannu (reali jew potenzjali) ma jkun hemm l-ebda ġustifikazzjoni għal miżuri tal-antidumping, jidher raġonevoli li kwalunkwe evalwazzjoni fir-rigward tal-eżistenza ta' dan l-element issir fuq il-bażi tal-informazzjoni li hija kemm jista' jkun reċenti [31] u li din tkun tikkonċerna perijodu suffiċjentement twil ta' żmien [32].

55. Għall-kuntrarju, l-"iktar snin rappreżentattivi" għad-determinazzjoni tal-profitt fil-mira ma għandhomx ikunu bbażati fuq l-iktar informazzjoni reċenti, jekk din l-informazzjoni ma tkunx tipprovdi stampa adegwata ta' dak li huwa meħtieġ sabiex terġa' tiġi stabbilita l-kompetizzjoni ġusta fil-perijodu ta' wara l-investigazzjoni. Kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fis-sentenza EFMA, li hija ġustament irreferiet għaliha fil-punt 249 (Kawża T-753/16) u fil-punt 215 (Kawża T-752/16) tas-sentenzi appellati, il-marġni benefiċjarju li għandu jintuża meta jiġi kkalkulat il-prezz indikattiv għandu jikkorrispondi għall-marġni benefiċjarju li l-industrija tal-Unjoni "tista' raġonevolment tistrieħ fuqu *skont kundizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni*, fl-assenza ta' importazzjonijiet suġġetti għad-dumping" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [33].

56. Dan huwa, fil-fehma tiegħi, approċċ raġonevoli, fid-dawl tar-*ratio legis* stess tar-RDI, speċjalment meta eżaminata fid-dawl tal-prinċipji bażiċi tal-leġiżlazzjoni tal-antidumping tal-Unjoni diskussi iktar 'il fuq. F'dan il-kuntest, huwa loġiku li, sabiex jiġi ddeterminat il-profitt fil-mira, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tuża r-rekord storiku tas-suq domestiku, sabiex tidentifika s-sena jew is-snin l-iktar reċenti li fihom il-kompetizzjoni kienet normali. Dan jista' jimplika wkoll, fil-fehma tiegħi, l-għażla ta' perijodu li fih għadu ma kienx hemm effetti ta' dumping, u li fih ma kien hemm l-ebda ċirkustanzi eċċezzjonali jew tranżitorji li affettwaw il-marġni benefiċjarji (standard) tal-industrija tal-Unjoni.

57. F'dan ir-rigward, jiena ninnota li l-leġiżlatur tal-Unjoni wkoll ikkonstata li tali approċċ huwa raġonevoli, minħabba li huwa kkodifikah fil- parti l-kbira tiegħu fl-Artikolu 7(2c) tar-Regolament 2016/1036 [34]. Barra minn hekk, tali approċċ ġie kkonstatat li huwa konsistenti wkoll mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-WTO [35].

58. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Kummissjoni ma hijiex marbuta bil-limiti *ratione temporis* tal-perijodu kkunsidrat meta għażlet l-iktar snin rappreżentattivi għall-finijiet tal-istabbiliment tal-prezz indikattiv. Lanqas, *a fortiori*, ma nsib xi inkonsistenza jew kontradizzjoni f'dan ir-rigward fir-Regolament ikkontestat.

[30] Bl-istess mod, Müller, W., Khan N., Neumann, H.-A., *EC Anti-Dumping Law*, John Wiley & Sons, 1998, p. 271.

[31] Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, Industrie des poudres sphériques vs Il-Kunsill (C-458/98 P, EU:C:2000:531, punt 92). Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro f'Epichirisseon Metalleftikon, Viomichanikon kai Naftiliakon *et* vs Il-Kunsill (121/86, EU:C:1989:299, p. 3939 u 3940).

[32] Ara, għal dan il-għan, is-sentenza tas-7 ta' Mejju 1991, Nakajima vs Il-Kunsill (C-69/89, EU:C:1991:186, punt 87).

[33] Sentenza EFMA, punt 60. Enfasi miżjuda.

[34] It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(4), tar-Regolament 2016/1036 jirreferi espressament għall-Artikolu 7(2c) tal-istess regolament fir-rigward tal-applikazzjoni tar-RDI. Dan tal-aħħar, fil-parti rilevanti tiegħu, jipprevedi: "Fejn il-marġni ta' ħsara huwa kkalkulat abbażi ta' prezz indikattiv, il-profitt fil-mira użat għandu jkun stabbilit billi jitqiesu fatturi bħal ma huma l-livell ta' profitabbiltà qabel iż-żieda ta' importazzjonijiet mill-pajjiż taħt investigazzjoni, […] u l-livell ta' profittabbiltà mistenni f'kondizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni". Uħud mid-dokumenti preparatorji għal dan ir-regolament, fil-fatt, jirreferu għall-punt 60 tas-sentenza EFMA bħala wieħed mis-sorsi ta' ispirazzjoni għad-dispożizzjoni l-ġdida: ara, pereżempju, il-Kummissjoni, Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, Dokument ta' Ħidma – Abbozz ta' Linji Gwida dwar id-Determinazzjoni tal-Marġni Benefiċjarju użat fl-Istabbiliment tal-Marġni tad-Dannu, tal-2013.

[35] Ara r-Rapport tal-Panel f'DS405, European Union – Miżuri Anti-Dumping li jkopru ċerti żraben li joriġinaw miċ-Ċina, [traduzzjoni mhux uffiċjali] punti 7.920 sa 7.928.

59. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li l-argumenti kollha mressqa mill-appellanti insostenn tat-tieni aggravju huma jew inammissibbli jew infondati.

## VII. Konklużjoni

60. Bħala konklużjoni, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tieni aggravju ta' PAO Severstal fil-Kawża C-747/21 P u ta' Novolipetsk Steel PJSC (NLMK) fil-Kawża C-748/21 P.